MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1370/2003

**Avviz Numru 1370/03 AJD**

**Gutenberg Press Ltd.**

**vs**

**Noel Calleja u b'Digriet tas-27 ta' Frar 2004 giet ordnata il-kjamata in kawza ta' De La Salle College**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija tlieta u sebghin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmi (Lm473.52), rapprezentanti xoghol ta' stampar u servizzi relatati moghti lill-istess konvenut.

Nonostante illi gie interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti. Is-socjeta' attrici qed titlob ukoll l-imghax mid-dati ta' kull fattura hekk kif indikati fil-prospett anness ma' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv u dan oltre l-ispejjez kollha konnessi ma' din il-kawza.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccexpixxa:

Illi it-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux il-legittima kontradittur u dan stante illi l-materjal stampat gie accettat minn De La Salle College u mhux mill-konvenut.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost is-servizz moghti ma kienx ta' kwalita` pattwita stante li kien tardiv u l-konvenut kellu jidhol fi spejjez addizzjonali biex jirrimedja dan il-fatt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza fejn huwa eccepixxa illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut mill-kjamat in kawza, stante li l-Kullegg De La Salle hallas dejjem l-ammonti pretizi ghal xoghol li sar lilu.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut Noel Calleja iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut Noel Calleja gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lill-kjamat in kawza mill-osservanza tal-giudizzju, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut Noel Calleja u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma erba' mija tlieta u sebghin Liri Maltin u tnejn u

hamsin centezmi (Lm473.52), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut Noel Calleja skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------